



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 5.6.2012
COM(2012) 262 final

2012/0135 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw li jstabilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Abbażi tal-mandat li ngħatalha mill-Kunsill¹, il-Kummissjoni Ewropea nneozjat mar-Repubblika tal-Ginea Bissaw bil-ħsieb li jiġġedded il-Protokoll għall-ftehim ta' sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw. Wara dawn in-neozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fl-10 ta' Frar 2012. Il-Protokoll ġdid ikopri perjodu ta' 3 snin li jibda mid-data tal-iffirmar tiegħu.

Il-protokoll jipprovdi għal opportunitajiet ta' sajd fil-kategoriji tas-sajd li ġejjin:

- 3 700 tonnellaġġ gross reġistrat (TGR) għall-bastimenti bi friża għas-sajd bit-tkarkir għall-gambli
- 3 500 TGR għall-bastimenti bi friża għas-sajd bit-tkarkir għall-ħut u ċ-ċefalopodi
- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun/bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ
- 12-il bastiment tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief

Għandu jiġi ddefinit il-metodu għall-allokkazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Kunsill jadotta dan ir-Regolament.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Saret konsultazzjoni mal-partijiet interessati qabel ma saru n-neozjati fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għal Flotot għal Distanzi Twal, biex b'hekk ingħaqdu flimkien il-qasam tas-sajd u l-NGOs ambjentali u dwar l-iżvilupp. Ġew ukoll ikkonsultati l-esperti tal-Istati Membri f'laqgħat tekniċi. Dawn il-konsultazzjonijiet ikkonkludew li ż-żamma ta' protokoll tas-sajd mal-Ginea Bissaw għandha tkun ta' benefiċċju.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-protokoll il-ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija ntbagħat lill-Kunsill sabiex dan japprova l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu. Intbagħat ukoll lill-Kunsill u lill-Parlament għall-finijiet tal-konklużjoni tiegħu.

¹ Adottat fl-20 ta' Ottubru 2011 mill-Kunsill għall-Agricoltura u s-Sajd.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 241/2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw² (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-ftehim ta' sħubija").
- (2) Fl-10 ta' Frar 2012 ġie inizjalat protokoll ġdid għall-ftehim ta' sħubija (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-protokoll il-ġdid"). Dan il-protokoll jagħti opportunitajiet ta' sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet li fuqhom il-Ginea Bissaw għandha s-sovranità jew li fihom tapplika l-ġurisdizzjoni tagħha fir-rigward tas-sajd.
- (3) Fil-[...], il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni Nru .../2012/UE³⁴ dwar l-iffirmar tal-protokoll il-ġdid u l-applikazzjoni provviżorja tiegħu.
- (4) Il-mod li bih jiġu allokat i l-opportunitajiet ta' sajd fost l-Istati Membri għandu jiġi ddefinit għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-protokoll il-ġdid.
- (5) Skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità⁵, f'każ li l-opportunitajiet ta' sajd allokat i lill-Unjoni skont il-Protokoll il-ġdid ma jkunux qed jintużaw għal kollox, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati dwar dan. F'każ li ma tintbagħatx risposta, fi żmien li għandu jiġi stabbilit mill-Kunsill, dan għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhux qed jużaw

² ĠU L 75, 18.3.2008, p. 49.

³ ĠU C ...*

⁴ ĠU: referenzi tad-dokument numru 9791/11.

⁵ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.

għalkollox l-opportunitajiet ta' sajd tagħhom matul il-perjodu kkonċernat. Jeħtieġ li din l-iskadenza tiġi stabbilita.

- (6) Minħabba li l-protokoll fis-seħħ jiskadi fil-15 ta' Ġunju 2012, dan ir-Regolament għandu jibda japplika mid-data tal-iffirmar tal-Protokoll il-ġdid,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet ta' sajd stabbiliti mill-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

a) bastimenti bi friża għas-sajd bit-tkarkir għall-gambli:

Spanja	2 500 GRT
Il-Greċja	140 GRT
Il-Portugall	1060 GRT

b) bastimenti bi friża għas-sajd bit-tkarkir għall-ħut u ċ-ċefalopodi:

Spanja	2 900 GRT
L-Italja	375 GRT
Il-Greċja	225 GRT

c) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartarun u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

Spanja	14-il bastiment
Franza	12-il bastiment
Il-Portugall	2 bastimenti

(d) bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief:

Spanja	9 bastimenti
Franza	3 bastimenti

- Ir-Regolament (KE) Nru 1006/2008 għandu japplika mingħajr ħsara għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw.
- Jekk it-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 ma jkoprox l-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll, il-Kummissjoni tqis it-talbiet għall-awtorizzazzjoni tas-sajd minn kwalunkwe Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008.

4. L-iskadenza sa meta l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw li mhumiex qed jużaw kompletament l-opportunitajiet ta' sajd mogħtija lilhom skont il-Ftehim, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1006/2008, għandha tkun ta' għaxart ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tgħarrafhom li l-opportunitajiet ta' sajd mhumiex qed jintużaw kollha.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa applikabbli mid-data tal-iffirmar tal-protokoll il-ġdid.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*